MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 1008/2012

**Fl-atti tal-Mandat ta` Arrest ta` Ingenji ta` l-Ajru Kawtelatorju Nru 1222/2012 MB fl-ismijiet :**

**Av. Joseph J. Vella bhala mandatarju specjali ta` s-socjeta` estera Societa` Aeroporto Catania S.p.A (Numru ta` Registrazzjoni 01253590879)**

**vs**

**Triton Aviation Ireland Limited**

**u**

**Wind Jet S.p.A**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta` l-Av. Dr. Nicolai Vella Falzon bhala mandatarju specjali tal-kumpannija estera Castle 2003 – 2A LLC (minn issa `l quddiem tissejjah “ir-rikorrenti”) prezentat fit-8 ta` Ottubru 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm esposti, ressaq erba` talbiet lil din il-Qorti –

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Mandat ta` Arrest ta` Ingenji ta` l-Ajru Kawtelatorju Nru 1222/2012 mahrug mill-kumpannija rikorrenti Societa` Aeroporto Catania S.p.A fil-21 ta` Awissu 2012 ma ghandux l-effett illi jarresta l-magna propjeta` tal-kumpannija esponenti ossia l-magna ta` l-ghamla CFM International, mudell CFM56-5A4 li ghandu n-numru ta` serie 731891 (MSN731891) u dan skond id-disposizzjonijiet ta` l-Artikolu 865A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Tawtorizza konsegwentement lill-kumpannija esponenti tiehu pussess tal-magna imsemmija u dan billi tqabbad lill-persuni teknici adegwati sabiex jnehhu l-magna mill-ajruplan affett mill-mandat ta` arrest de quo u cioe` l-airbus Industrie A320-211 registrat gewwa l-Irlanda bin-numru ta` registrazzjoni EI-DFO u bin-numru tas-serje tal-manifattur 371 (MSN 371) occorrendo taht is-supervizjoni ta` esperti teknici appuntati minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jizguraw is-sigurta` ta` l-istess ajruplan ;*

*3. F`kaz illi ghal xi raguni dina l-Onorabbli Qorti tiddeciedi illi l-mandat ta` arrest de quo seta` jkollu l-effett legali li jarresta l-magna msemmija tiddikjara u tiddeciedi illi l-mandat ta` arrest ghandu jigi revokat fil-konfront ta` l-istess magna a tenur ta` l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta stante illi l-kumpannija esponenti ma hijiex legittimu kontradittur fil-konfront tat-talbiet ta` Societa` Aeroporto Catania S.p.A. u ghalhekk ma huwiex ragonmevoli li l-istess arrest jinzamm fis-sehh u ghalhekk ukoll l-arrest mhuwiex mehtieg jew gustifikabbli ;*

*4. Tordna konsegwentement ir-revoka tal-Mandat ta` Arrest Nru.1222/2012 fir-rigward ta-magna msemmija u tordna illi l-istess magna tigi rilaxxata minnufih lill-kumpannija esponenti u tawtorizza lill-*

*kumpannija esponenti tqabbad lil persuni teknici adegwati sabiex inehhu l-magna mill-ajruplan affett mill-Mandat ta` Arrest okkorrendo taht is-supervizjoni ta` esperti teknici appuntati minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jizguraw is-sigurta` ta` l-istess ajruplan.*

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta` Ottubru 2012 fejn ordnat in-notifika lill-partijiet interessati bi zmien sebat ijiem ghar-risposta u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh tal-provi u trattazzjoni ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 5 ta` Novembru 2012 fis-01.00 p.m.

Rat ir-risposta tal-Av. Dr. Joseph J. Vella bhala mandatarju specjali ta` s-socjeta` estera Aeroporto Catania S.p.A li kienet prezentata fil-25 ta` Ottubru 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm spjegati, talab lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-risposta.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta` Novembru 2012.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza, wara r-rikors ta` l-Av. Dr. Joseph J. Vella noe tal-25 ta` Ottubru 2012, fejn ipprovdiet dwar it-talba tieghu billi ammettiet bhala prova zewg digrieti li nghataw minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta` Ottubru 2012 fir-rikors bin-nru. 891/2012 u fir-rikors bin-nru. 906/2012.

Rat iz-zewg digrieti li kienu prezentati *seduta stante* f`dik l-udjenza.

Rat illi ghar-rigward ta` provi, il-partijiet qaghdu fuq l-atti.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri.

Rat in-nota b`dokumenti li, kif kienet awtorizzata, ipprezentat ir-rikorrenti fid-9 ta` Novembru 2012.

Rat ukoll in-nota b`dokument li, kif kien awtorizzat, ipprezenta l-Av. Dr. Joseph J. Vella fil-21 ta` Novembru 2012.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-6 ta` Dicembru 2012 fejn halliet ir-rikors ghal provvediment fil-miftuh ghall-udjenza tal-lum.

**Ikkunsidrat :**

Ir-rikorrenti qeghda tallega illi hija s-sid taz-zewg magni li kienu istallati fuq ajruplan Airbus Industrie A320-211 registrat l-Irlanda bin-numru ta` registrazzjoni EI-DFO u bin-numru tas-serje tal-manifattur 371 (MSN 371) ("l-ajruplan") fil-mument li saret l-esekuzzjoni ta` Mandat ta` Arrest ta` Ingenji ta` l-Ajru Nru.1222/2012 MB ("il-Mandat"). Il-Mandat kien ipprezentat mis-socjeta` estera Aeroporto Catania S.p.A kontra s-socjeta` Triton Aviation Ireland Limited li hija s-sid tal-ajruplan pero`, skond ir-rikorrenti, mhux tal-magni, u kontra l-operatur tal-ajruplan is-socjeta` estera Wind Jet S.p.A. Fil-Mandat, Aeroporto Catania S.p.A qeghda tivvanta kreditu ta` €1,279,524.93 kontra z-zewg intimati ghal "landing fees" u spejjez ohra ghall-uzu ta` ajruport gewwa Catania li huwa gestit minnha, oltre l-imghax. Ir-rikorrenti mhijiex intimata fil-Mandat u lanqas hija debitrici ta` Aeroporta Catania S.p.A. Il-procediment tal-lum jirrigwarda wahda miz-zewg magni. Id-dettalji taghha huma ndikati fir-rikors. Ir-rikorrenti

tallega illi din il-magna, u l-magna l-ohra li hija l-mertu ta` procediment iehor Rik. Nru.1007/2012 JZM, kienu istallati t-tnejn fuq l-ajruplan temporanjament sakemm issir il-manutensjoni taz-zewg magni propji ta` l-istess ajruplan. Bhala konsegwenza tal-esekuzzjoni tal-Mandat, ir-rikorrenti tallega illi kienu kolpiti z-zewg magni propjeta` taghha. Ghalhekk intavolat dan il-procediment fejn ressqet it-talbiet fuq riferiti.

**Din il-Qorti tibda biex tghid illi jkun esercizzju ghal kollox inutili li tqis il-provi dwar il-mertu tat-talbiet tar-rikorrenti jekk jirrizulta li l-procedura li adottat ir-rikorrenti biex tressaq il-pretensjonijiet taghha ma kenitx dik permessa mil-ligi. Din hija <u>pregudizzjali</u> li ghamel riferenza specifika ghaliha l-esekutant Av. Dr. Joseph J. Vella noe fil-bidu tar-risposta tieghu meta, qabel ikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti fil-mertu, ikkontesta l-validita` fid-dritt tal-istanza tar-rikorrenti kif proposta.**

Il-Mandat ta` Arrest ta` Ingenji tal-Ajru (“il-Mandat”) dahal fid-dritt Malti bis-sahha tal-Att VIII tal-2010. Kif jirrizulta mill-Art.865A(1) tal-Kap.12, huwa mandat **<u>kawtelatorju</u>** u huwa ntiz sabiex *jitqeghdu fiz-zgur dejn jew pretensjonijiet, kemm in personam jew in rem li bit-tluq tal-ingenji tal-ajru jistghu jigu skartati*.

Ghax huwa mandat kawtelatorju, il-procedura sabiex tintalab ir-revoka tieghu sew ghal kollox jew f`parti minnu hija dik kontemplata bl-Art.836 tal-Kap.12.

Fir-rikors taghha, ir-rikorrenti tghid specifikament illi ressqet l-erba` talbiet taghha abbazi tal-Art.865A(3) u l-Art.836(1)(f) tal-Kap.12.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Art.836 u l-Art.865A tal-Kap.12 iridu jinqraw flimkien fis-sens illi l-Art.836 huwa

d-disposizzjoni generali li tghodd ghall-mandati kawtelatorji kollha. Fejn fil-kaz ta` mandati partikolari, il-legislatur haseb biex ivarja d-disposizzjoni generali, hemm tghodd id-disposizzjoni partikolari. Pero` din il-Qorti trid taghmilha cara illi sabiex rikorrent jirreklama drittijiet skond l-Art.865A, u jfittex dawk id-drittijiet permezz tal-Art.836, irid ikun jikkwalifika ghal rimedju skond l-Art.836.

L-Art.836(1) jaqra hekk –

*Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra,* ***l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih*** *jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu …* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti)

Jirrizulta illi l-intimati fil-Mandat Nru.1222/2012 MB kienu Triton Aviation Ireland Limited u Wind Jet S.p.A **mhux** Castle 2003 – 2A LLC. Jekk jirrizulta illi r-rikorrenti hija s-sid taz-zewg magni in kwistjoni, allura l-**esekuzzjoni** tal-Mandat ma tistax tolqot dawk iz-zewg magni. Fl-istess waqt, irid jinghad illi sabiex ir-rikorrenti tressaq l-erba` talbiet taghha, ma tistax tadopera dan il-procediment ladarba ma kenitx parti intimata fil-Mandat. Ghalhekk hija l-fehma ta` din il-Qorti li r-rikorrenti ma tikkwalifikax biex tressaq l-procediment skond l-Art.836.

L-argument tar-rikorrenti huwa li l-interess taghha huwa tutelat bl-Art.865A(3). Din id-disposizzjoni taghti tifsira tal-kliem **"ingenji tal-ajru"**. It-tifsira rilevanti ghall-procediment tal-lum hija dik indikata fil-paragrafu (c) li jaqra hekk –

*jekk f`Malta, il-magni li jkunu proprjetà tas-sid tal-ingenji tal-ajru kemm jekk ikunu mwahhla mal-ingenji tal-ajru u kemm jekk ma jkunux, kif ukoll magni ohra li jiehdu*

*post il-magni mwahhla mal-ingenji tal-ajru u li jkun hemm il-hsieb li jintuzaw fuq l-ingenji tal-ajru u li jkunu l-proprjetà tas-sid tal-ingenji tal-ajru izda li temporanjament ma jkunux imwahhla mal-ingenji tal-ajru, izda ma ghandhomx jinkludu magna li tkun imwahhla mal-ingenji tal-ajru u li ma tkunx tas-sid tal-ingenji tal-ajru, u dik il-magna tkun soggetta ghal dawk l-ordnijiet tal-qorti li jkunu xierqa ghall-protezzjoni tad-drittijiet tas-sid tal-magna u ghat-thaddim minghajr periklu tal-ingenji tal-ajru skont il-ftehim relatat ma' magna bhal dik.*

Jekk, ghall-grazzja tal-argument, wiehed jaccetta li hemm prova sodisfacjenti li l-magna de qua (u del resto l-magna l-ohra) huma propjeta` tar-rikorrenti u ghalhekk ma kellhomx ikunu kolpiti bil-Mandat, l-Art.865A ma johloq l-ebda procedura specjali u distinta sabiex is-sid ifittex rimedju. Fi kliem iehor, is-sid irid jaghmel kawza *ad hoc* u dawk it-talbiet li ressaq fil-procediment tal-lum iressaqhom fil-kawza. Billi r-rikorrenti ma tikkwalifikax ghal rimedju skond l-Art.836, ma tistax tiddeduci t-talbiet taghha bil-procediment li ghazlet.

Fejn il-legislatur ried li l-Art.865A ikun distint mill-Art.836, dan qalu kjarament u allura fejn id-disposizzjoni hija specjali, tghodd dik id-disposizzjoni, pero` dejjem fl-ambitu tal-procedura skond l-Art.836 li tghodd biss ghal min jikkwalifika ghal rimedju skond dik id-disposizzjoni. Din il-Qorti qeghda tirreferi ghall-kaz fejn jirrizulta li l-Mandat ikun inkiseb bil-qerq min-naha tal-esekutant, f`liema kaz, il-penali li ghaliha hemm riferenza fl-Art.836(8) m`ghandhiex tkun ta` anqas minn €11,600 (ara l-Art.865G). Inoltre skond l-Art.865H, meta tingieb raguni tajba, il-qorti tista` fuq talba b`rikors maghmula mill-persuna li kontra l-ingenji tal-ajru taghha jkun gie mahrug il-mandat, jew mill-kmandant tal-ingenji tal-ajru, jew minn persuna ohra li jkollha l-inkarigu tieghu, jew mill-agent, tordna lill-parti li titlob il-hrug ta' mandat li jgib, fiz-zmien li jigi moghti mill-qorti, garanzija tajba f'ammont ta' mhux inqas minn €11,600 ghall-hlas tal-penali, id-danni u l-imghaxijiet u, fin-nuqqas ta' dan, thassar il-mandat.

L-Art.836 huwa procediment li huwa disponibbli biss ghall-intimat li jkun inhareg kontrih att kawtelatorju. Persuni bhar-rikorrenti illi allura mhumiex intimati ma jistghux jipprevalixxu ruhhom minn dik il-procedura. Ma jfissirx li r-rikorrenti ghandha bieb maghluq quddiemha. Ifisser biss li trid tiddeduci, permezz ta` l-procediment ordinarju kontenzjuz, l-pretensjonijiet u t-talbiet taghha ghar-rigward taz-zewg magni li kienu istallati fuq l-ajruplan meta saret l-esekuzzjoni tal-Mandat.

**Il-procedura adoperata mir-rikorrenti hija rritwali u mhux idoneja. Ghalhekk billi r-rikorrenti hija prekluza *ex lege* milli tipproponi dan il-procediment, mhuwiex il-kaz illi din il-Qorti tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-provi dwar il-mertu tat-talbiet taghha. Kwindi u ghar-ragunijiet premessi, qeghda tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------